IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.7.2013
COM(2013) 525 final

2013/0249 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE teħtieġ informazzjoni statistika kumparabbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali fl-UE u l-komponenti tagħha f'livell nazzjonali u reġjonali. L-istatistika Ewropea hija indispensabbli wkoll sabiex jiġi żgurat li l-Ewropa tkun qed tiġi mifhuma mill-pubbliku ġenerali u sabiex tippermetti liċ-ċittadini biex jieħdu sehem fil-proċess demokratiku u d-dibattitu dwar il-preżent u l-futur tal-UE

F'dan l-isfond, ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 ġie adottat fil-15 ta' Jannar 2013 biex jipprovdi qafas ġenerali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea għall-perjodu mill-2013 sal-2017.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal dan ir-Regolament inkludiet pakkett finanzjarju ta' EUR 299.2 miljun għall-ħames snin tal-programm, proposta li ma kienx hemm mistoqsijiet dwarha la mill-Kunsill u lanqas mill-Parlament Ewropew matul il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Madankollu, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) u r-riżorsi proprji, il-Parlament Ewropew enfasizza li n-negozjati dwar il-proposti leġiżlattivi relatati mal-programmi multiannwali se jiġu ffinalizzati ladarba jintlaħaq ftehim dwar il-pakketti finanzjarji tagħhom.

Din hija r-raġuni għala r-Regolament (UE) Nru 99/2013 jistabbilixxi biss il-pakkett finanzjarju għall-2013, kopert bil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposta leġiżlattiva li tintroduċi l-allokazzjoni finanzjarja għall-perjodu 2014-2017 għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill sa mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni tal-MFF għas-snin 2014-2020.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ġew ikkonsultati l-partijiet interessati u saret valutazzjoni tal-impatt għall-proposta għal Regolament dwar il-programm statistiku Ewropew 2013-17, COM(2011) 928 finali tal-21.12.2011, li inklusa l-baġit għall-2014-2017.

Għaldaqstant konsultazzjoni jew valutazzjoni ulterjuri mhijiex meqjusa meħtieġa.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tipprevedi pakkett finanzjarju għall-erba' snin tal-programm statistiku Ewropew 2013-17 li huma koperti mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 (MFF). Għal dan il-għan qed jiġi propost li l-Artikolu 7 dwar il-finanzjament jiġi emendat.

Dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament li jistabbilixxi programm statistiku Ewropew 2013-17 jibqgħu ma jinbidlux, b'mod partikolari l-għanijiet u l-anness li jiddefinixxi l-riżultati statistiċi għall-ħames snin koperti.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Mill-istabbiliment fir-Regolament tal-għanijiet speċifiċi u l-riżultati statistiċi għall-perjodu ta' ħames snin, l-ammont ta' baġit propost għall-perjodu mill-2014 sal-2017 huwa ta' EUR 234.8 miljuni, kopert bil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Żona Ekonomika Ewropea

Ir-Regolament propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għaldaqstant għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2013/0249 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 [1] jipprevedi l-qafas u jiddefinixxi l-għanijiet u l-riżultati għall-produzzjoni, l-iżvilupp u d-disseminazzjoni ta' statistiċi Ewropej għall-perjodu mill-2013 sal-2017.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 jistabbilixxi biss il-pakkett finanzjarju għall-2013, kopert mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007 sal-2013, u jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti l-proposta leġiżlattiva li tintroduċi l-allokazzjoni finanzjarja għall-perjodu 2014 sal-2017 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux iktar tard wara tliet xhur mill-adozzjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014 sal-2020.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/… li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Multiannwali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014 sal-2020 ġie adottata fid-[data].

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 għandu jiġi emendat kif ġej:

L-Artikolu 7 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Finanzjament

(1) Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm għall-2013 huwa stabbilit li jammonta għal EUR 57.3 miljun, kopert bil-perjodu ta' programmazzjoni 2007 sal-2013. Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm għall-2014-2017

[1] ĠU L 39, 9.2.2009, p. 12.

huwa stabbilit li jammonta għal EUR 234.8 miljuni, kopert bil-perjodu ta' programmazzjoni 2014 - 2020.

(2) Il-Kummissjoni timplimenta l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni b'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

(3) Il-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni tagħha dwar approprjazzjonijiet annwali b'konformità mal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

<u>DIKJRAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam (oqsma) ikkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan (għanijiet)

1.5. Motivi għall-proposta/inizjattiva

1.6. Terminu ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.3. Miżuri li jipprevjenu frodi u irregolatitajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja(i) baġitarji tan-nefqa affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti

3.2.5. Parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1 Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew 2013-2017

1.2 Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB [2]

Statistika (3403 — Produzzjoni ta' informazzjoni statistika, 3480 — Appoġġ amministrattiv għall-Eurostat, 3481 — Strateġija u koordinazzjoni ta' politika għall-Eurostat)

1.3 Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja** [3]

X Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4 Għanijiet

1.4.1 L-għan(ijiet) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta hija konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea billi l-istatistika żviluppata, prodotta u mxerrda skont dan il-programm se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea, bħall-istrateġija Ewropa 2020 għal 'tkabbir għaqli, sostenibbli u inkluživ' u politiki oħra indirizzati fil-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni għall-2010-2014 (jiġifieri governanza ekonomika msaħħa u integrata, it-tibdil fil-klima, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali, Ewropa tal-persuni u l-globalizzazzjoni).

1.4.2 1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u attività(jiet) ABM/ABB kkonċernati

Għan speċifiku Nru 1: L-għoti ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għall-appoġġ tal-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jinżamm bilanċ bejn l-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali u l-qadi tal-bżonnijiet ta' firxa wiesgħa ta' utenti tal-istatistika Ewropea, inklużi dawk li jieħdu deċiżjonijiet, ir-riċerkaturi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali, b'mod kost-effikaċi u mingħajr sforzi dduplikati mingħajr bżonn.

Attività(ijiet) ABM/ABB kkonċernata/i

3403 — Produzzjoni ta' informazzjoni statistika

Għan speċifiku Nru 2: L-implimentazzjoni tal-metodu l-ġdid ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea bl-għan li jkun hemm iktar effiċjenza u titjib fil-kwalità.

Attività(ijiet) ABM/ABB kkonċernata/i

3403 — Produzzjoni ta' informazzjoni statistika, 3480 — Appoġġ amministrattiv għall-Eurostat, 3481 — Strateġija u koordinazzjoni ta' politika għall-Eurostat

[2] ABM: Ġestjoni Bbażata fuq Attività – ABB; Ibbaġitjar Ibbażat fuq Attività.

[3] Kif imsemmi fl-Artikolu 49 (6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

<u>Għan speċifiku Nru 3:</u> It-tisħiħ tas-sħubija fl-ESS u lil hinn minnha sabiex tissaħħaħ iktar il-produttività tagħha u r-rwol fuq quddiem net tagħha fl-istatistiki uffiċjali dinjija. <u>Attività(ijiet) ABM/ABB kkonċernata/i</u> 3481 — Strateġija u koordinazzjoni ta' politika għall-Eurostat <u>Għan speċifiku Nru 4</u>: Jiġi żgurat li l-kunsinna ta' tali statistika tinżamm konsistenti għat-termini kollu tal-programm, sakemm dan ma jinterferixxix ma' mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-prijorità tal-ESS. <u>Attività(ijiet) ABM/ABB kkonċernata/i</u> 3403 — Produzzjoni ta' informazzjoni statistika

1.4.3 *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi destinatarji.

Effetti fuq il-Parlament Ewropew u l-Kunsill pożittivi billi l-ESP huwa konformi mat-Trattati, il-prospettivi finanzjarji u l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea; il-ħtiġijiet għal informazzjoni statistika għall-appoġġ tal-politiki tal-UE huma riflessi fl-ESP; l-ESP jinkludi mekkaniżmu għall-istabbiliment aħjar ta' prijoritajiet u t-tnaqqis tal-piż tar-rispons fuq l-impriżi u ċittadini. L-Istati Membri huma involuti fil-preparazzjoni tal-ESP. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà se jiġi rrispettat fl-implimentazzjoni tal-ESP.

L-effetti fuq il-Kulleġġ tal-Kummissarji u s-servizzi tal-Kummissjoni: pożittivi billi l-ESP huwa konformi mat-Trattati, il-perspettivi finanzjarji; il-ħtiġijiet għal informazzjoni statistika għall-appoġġ tal-politiki tal-UE huma riflessi fl-ESP, u sistema ta' ġestjoni tal-kwalità soda se tiġi implimentata bħala parti mill-ESP. L-ESP se jkun soġġett għal evalwazzjoni effikaċi u qafas konformi mal-ABB għat-tqassim tar-riżorsi.

Effetti fuq l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (inkluż DGINS, il-Kumitat għall-ESS, il-Grupp ta' Sħubija, il-Gruppi tad-Diretturi) u produtturi nazzjonali oħra: pożittiv billi l-ESP jinkludi mekkaniżmu għal twaqqif ta' prijoritajiet imtejjeb u t-tnaqqis tal-piż tar-rispons fuq l-impriżi u ċ-ċittadini. Huwa jirrifletti l-istrateġija konġunta tal-ESS fuq l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni. L-Istati Membri huma involuti fil-preparazzjoni tal-ESP. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà se jiġi rrispettat fl-implimentazzjoni tal-ESP.

Effetti fuq l-ESAC, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kumitat dwar l-istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-pagamenti (CMFB) u utenti oħra mhux istituzzjonali: pożittivi billi l-ħtiġijiet għal informazzjoni statistika għall-appoġġ tal-politiki tal-UE huma riflessi fl-ESP, l-utenti se jiġu żgurati li l-istatistika se "titfassal għall-għan speċifiku" (fil-ħin u skont il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-politika tagħhom).

Effetti fuq l-Eurostat: pożittivi billi l-ESP jirrifletti l-Komunikazzjoni dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE; sistema soda ta' ġestjoni tal-kwalità se tiġi implimentata bħala parti mill-ESP; l-ESP se jipprovdi qafas stabbli għal programmazzjoni annwali koerenti u strutturata u l-allokazzjoni ta' riżorsi kif ukoll viżjoni ċara tad-direzzjoni tal-iżvilupp tal-Eurostat; l-ESP se jkun soġġett għal evalwazzjoni effikaċi.

1.4.4 *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Għall-għanijiet kollha elenkati fl-ESP 2013-2017, huma elenkati l-azzjonijiet u l-indikaturi ewlenin. L-għanijiet tal-ESP 2013-2017 huma soġġetti għal ippjanar iżjed dettaljat fil-Programmi ta' Ħidma Annwali u r-riżultati se jiġu mmonitorjati matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

L-għan ġenerali marbut mat-tentattiv li jkun il-fornitur ewlieni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa se jiġi mmonitorjat permezz ta':

- L-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Utent tal-Eurostat, u b'mod partikolari l-perċentwal ta' utenti li jkunu qegħdin jikklassifikaw il-kwalità ġenerali tal-istatistika Ewropea bħala "tajbin ħafna" jew "tajbin".

1.5 Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1 Rekwiżit(i) li għandu(għandhom) jiġi(u) ssodisfati fuq perjodu qasir jew twil

L-istabbiliment ta' programm statistiku Ewropew multiannwali joriġina mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea[4], li jistipula li l-programm statistiku Ewropew għandu jipprovdi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea, l-oqsma ewlenin u l-għanijiet tal-azzjonijiet maħsuba għal perjodu li jaqbiżx il-ħames snin. Għandu jistabbilixxi prijoritajiet li jikkonċernaw il-ħtiġijiet għal informazzjoni bl-għan li jitwettqu l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea. Il-benefiċjarji destinatarji tal-proposta huma l-utenti u l-produtturi ta' statistika Ewropea, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, id-Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u produtturi nazzjonali oħra ta' statistika Ewropea, l-ESAC, il-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti (CMFB) u utenti oħra mhux istituzzjonali, u, tabilħaqq, il-pubbliku ġenerali.

1.5.2 Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi u l-atturi fis-suq jeħtieġu statistika b'mod kostanti sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom u jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tagħhom. L-istatistika tipprovdi infrastruttura essenzjali għad-demokraziji u l-ekonomiji moderni sabiex jiffunzjonaw tajjeb u b'mod effiċjenti. L-Unjoni Ewropew teħtieġ servizz ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għolja sabiex twettaq il-missjoni tagħha. L-istatistika Ewropea għandha tkun affidabbli, puntwali u indipendenti minn influwenza politika u għandha tiġi pprovduta f'forma konvenjenti għall-utenti. Barra dan, il-preparazzjoni taghhom ma għandhiex timponi piż eċċessiv fuq il-fornituri ta' dejta u l-ġbir tagħha għandu jsir skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea, l-Eurostat ħolqot sħubija kollettiva msejħa ESS. Din l-isħubija tinkludi wkoll il-pajjiżi taż-ŻEE. L-Istati Membri jiġbru dejta u jikkompilaw statistika għall-finijiet nazzjonali u tal-UE.

L-ESS tiffunzjona bħala netwerk li fih ir-rwol tal-Eurostat huwa li tmexxi l-proċess ta' armonizzazzjoni tal-istatistika b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika. Ix-xogħol tal-ESS jikkonċentra prinċipalment fuq l-oqsma ta' politika tal-UE - u, bl-estensjoni tal-politiki tal-UE, l-armonizzazzjoni ġiet estiża għal kważi l-oqsma statistiċi kollha.

L-ESS tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' għarfien u l-'aħjar prattiki' madwar l-Istati Membri u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, għodod komuni u netwerks kollaborattivi bl-għan li jittieħed vantaġġ minn sinerġiji possibbli u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, u b'hekk titwitta t-triq għal sistema moderna ta' produzzjoni mgħammra sabiex tilħaq l-isfidi tal-futur.

L-aħjar mod kif jinbeda l-isforz sabiex ikun hemm armonizzazzjoni, simplifikazzjoni u regolazzjoni fuq livell tal-Unjoni Ewropea, fejn proġetti bħal dawn ikunu jistgħu jitwettqu b'effiċjenza ottimali.

4 ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

1.5.3 Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Limitazzjoni kbira li qed naffaċċjaw bil-Programm Statistiku Komunitarju tal-2008-2012 attwali [5] hija li l-istruttura hija fissa għal perjodu ta' ħames snin u l-għanijiet huma deskritti fid-dettall. Billi l-programm attwali ġie adottat, saru numru ta' żviluppi importanti. Il-qafas legali bażiku għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea nbidel. Ġiet adottata l-Komunikazzjoni dwar il-metodu ta' produzzjoni ta' statistika tal-UE, u ġiet segwita bi strateġija konġunta tal-ESS; it-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ; Kummissjoni Ewropea ġdida ħadet il-kariga (minn Jannar tal-2010 sa Diċembru tal-2014); tnedew bosta inizjattivi politiċi ġodda (bħal Ewropa 2020) u ssaħħet l-istruttura tal-governanza tal-ESS. L-ebda wieħed minn dawn l-iżviluppi ma huwa rifless fil-programm attwali; partijiet minnu skadew u hemm distakk bejn l-attivitajiet ippjanati u dawk attwali. Dan inaqqas ir-rilevanza tar-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-programm billi ħafna attivitajiet rilevanti mhumiex riflessi fil-programm waqt li aħna rridu nirrapportaw dwar ċerti attivitajiet li jissemmew fih iżda ma għadhomx jitwettqu.

Għal dak li jirrigwarda l-proċess ta' tħejjija tal-programm statistiku Ewropew, il-Grupp ta' Sħubija [6] Task Force 3 ippropona ċ-ċiklu tal-programm multiannwali għall-2013-2017. Ġie suġġerit li r-rwol tal-imsieħba tal-ESS (il-Kumitat għall-ESS, id-DGINS, il-Grupp tad-Diretturi u l-ESAC) jissaħħaħ fil-proċess ta' tħejjija tal-programm.

Għandu jingħad li r-rapport tal-Kummissjoni lill-PE u l-Kunsill dwar l-evalwazzjoni *ex-post* tad-DSP tal-2003-2007[7] kien jinkludi rakkomandazzjonijiet rigward programmi multiannwali tal-futur, prinċipalment:

Titjib tal-konnessjoni bejn id-DSP u l-programmi ta' ħidma annwali. Id-DSP huwa mfassal sabiex ikun programm qafas li jifformula viżjoni strateġika għal ħames snin u jiżgura, flimkien mal-programmi ta' ħidma annwali, il-flessibbiltà u r-rilevanza tad-DSP matul il-perjodu kollu. Fl-użu tagħhom tad-DSP bħala referenza, il-programmi ta' ħidma annwali għandhom isemmu b'mod espliċitu u jkunu bbażati fuq id-DSP rispettiv.

Titjib tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-DSP. Il-monitoraġġ ġenerali tad-DSP għandu jiġi implimentat permezz tad-definizzjoni ta' grupp ewlieni ta' indikaturi li jipprovdu informazzjoni biżżejjed dwar l-ilħuq ta' għanijiet operattivi u strateġiċi matul il-perjodu tal-programm.

Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-PE u l-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tad-DSP tal-2008-2012 enfasizza l-punti li ġejjin li għandhom jiġu kkunsidrati fil-futur:

- *Definizzjoni ta' ħtiġijiet ġodda għal informazzjoni statistika.* Huwa meħtieġ approċċ iżjed integrat bl-użu ta' sorsi multipli u kkombinati ta' dejta flimkien mal-armonizzazzjoni tal-metodoloġija, il-kunċetti u d-definizzjonijiet.

- *Sħubija msaħħa fl-ESS.* Ġie enfasizzat it-twaqqif ta' iżjed mudelli differenti ta' kooperazzjoni għall-integrazzjoni mal-Istati Membri.

---

5 Deċiżjoni Nru 1578/2007/KE, ĠU L 344, 28.12.2007, p. 15.

6 Il-Grupp ta' Sħubija huwa grupp ta' Diretturi Ġenerali tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tal-ESS li l-missjoni tiegħu hija l-iżvilupp ulterjuri tal-ESS b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-ħidma tal-Kumitat ESS.

7 COM(2009) 1 finali.

- *Ir-riflessjoni dwar approċċ kunċettwali għar-riprijoritizzazzjoni ta' attivitajiet* u d-disponibbiltà ta' riżorsi għall-implimentazzjoni tad-DSP sabiex jitnaqqas il-piż tar-rispons u l-ispejjeż tal-produtturi ġiet ikkunsidrati bħala meħtieġa.

Ta' min isemmi li d-DSP tal-2008-2012 attwali kien wieħed mis-suġġetti tar-rapport ta' verifika tal-Kapaċità ta' Verifika Interna tal-Eurostat dwar il-funzjoni tal-evalwazzjoni[8], li nnota l-assenza ta' evalwazzjoni ex ante għall-programm attwali u rrakkomanda li evalwazzjoni bħal din għandha ssir għall-programmi tal-futur skont ir-Regolament Finanzjarju[9] (Artikolu 27) u r-regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu[10] (Artikolu 21).

Sabiex jiġu evitati l-limitazzjonijiet ta' programm iddettaljat wisq li jkun jista' jadatta għal prijoritajiet u żviluppi politiċi ġodda jew li qegħdin jinbidlu, l-ESP tal-2013-2017 huwa mfassal bħala strument ġenerali ta' ppjanar li jiddeskrivi b'mod ġenerali l-għanijiet u l-azzjonijiet li għandhom isiru, u b'hekk jiġi pprovdut il-qafas ġenerali għat-tħejjija ta' programmi ta' ħidma statistika annwali b'għanijiet u azzjonijiet dettaljati.

L-iżviluppi fl-ESS kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE jeħtieġu ffukar partikolari tal-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 dwar l-ilħuq ta' sfidi futuri u l-ibbilanċjar tad-domandi u r-riżorsi. Sħubija soda tal-ESS hija kruċjali u għalhekk fil-pjan direzzjonali għat-tħejjija ta' dan il-programm ġiet integrata konsultazzjoni iżjed estensiva tal-partijiet interessati.

Permezz ta' referenza għal esperjenzi tal-passat, jiġu stabbiliti mekkaniżmi sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-ippjanar u r-rapportar ta' proċessi billi ssir konnessjoni aħjar bejn l-għanijiet tal-programm mal-programmi ta' ħidma annwali u t-titjib tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm.

Ġew ikkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tad-DSP tal-2008-20125 meta tfasslu l-għanijiet u l-indikaturi tal-ESP tal-2013-2017. B'mod partikolari, rigward ir-riprijoritizzazzjoni ta' rekwiżiti statistiċi li l-mira tagħhom hija t-tnaqqis tal-piż tar-rispons u l-ispejjeż tal-produtturi, ġiet maħsuba l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tat-twaqqif ta' prijoritajiet, ippreżentat lill-Kumitat għall-ESS fit-18 ta' Novembru 2010[11].

Finalment, l-evalwazzjoni *ex-ante* ġiet ippreparata skont ir-Regolament Finanzjarju [12] (Artikolu 27) u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu [13] (Artikolu 21).

1.5.4 *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

Flimkien mad-DSP tal-2008-2012 attwali, programm multiannwali ieħor, prinċipalment il-Programm għall-Modernizzazzjoni tal-Impriża Ewropea u l-

8 Rapport ta' Verifika tal-Kapaċità ta' Verifika Interna ESTAT-2009-ESTAT-002, 19.2.2010.

9 Verżjoni kkonsolidata tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

10 Verżjoni kkonsolidata tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

11 Ippreżentat fil-laqgħa tal-Kumitat tal-ESS fit-18 ta' Novembru 2010 (Dok. Nru 2010/07/08b).

12 Verżjoni kkonsolidata tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

13 Verżjoni kkonsolidata tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

Istatistika dwar il-Kummerċ (MEETS), qiegħed jiġi implimentat bejn l-2009 u l-2013. Sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-programmi, l-Eurostat iddeċidiet li fil-futur ikollha programm multiannwali wieħed minflok tnejn. Dan ifisser li l-għanijiet fil-qasam tal-istatistika dwar l-impriżi u l-kummerċ lil hinn mill-2013 u l-azzjonijiet relatati mal-modernizzazzjoni ta' statistika soċjali huma parti mill-ESP tal-2013-2017.

Barra dan, l-Eurostat għandu rwol ta’ koordinazzjoni fil-qasam tal-produzzjoni ta’ statistika Ewropea konformi mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/281/KE tal-21 ta’ April 1997. Id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni u servizzi oħra jinvolvu l-Eurostat fi stadju bikri fl-iżvilupp tal-programmi tagħhom relatati mal-istatistika.

1.6 Terminu ta' żmien u impatt finanzjarju

☑ Proposta/inizjattiva ta' **terminu limitat**

– ☑ Proposta/inizjattiva b'effett minn [01/01] 2013 sa [31/12] 2017

– ☑ Impatt finanzjarju mill-2013 sal-2017 għall-approprjazzjonijiet ta' impenji u mill-2013 sal-2021 għall-approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet.

☐ Proposta/inizjattiva ta' **mingħajr terminu limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn YYYY sa YYYY,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7 Mod/i ta' ġestjoni previst(i)[14]

☑ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet[15]

– ☐ korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifkati fl-att bażiku rilevanti kif mifhum fl-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari mal-OECD, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji.

Jekk jiġi indikat iżjed minn modulu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima tal-'Kummenti'.

[14] Dettalji ta' modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinsabu fuq il-websajt BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

[15] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2 MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1 Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-evalwazzjoni *ex-ante* tal-ESP 2013-2017 twettqet fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Finanzjarji għall-programmi ta' nfiq bejn Ottubru tal-2010 u April tal-2011 mill-unità tal-Ippjanar Strateġiku tal-Eurostat bl-għajnuna tal-unitajiet tal-Affarijiet Finanzjarji u Legali. Hija ġiet ikkonsultata mat-Task Force interna tal-Eurostat għat-tħejjija tal-ESP 2013-2017 magħmul minn rappreżentanti f'livell ta' Kap tal-Unità mid-Direttorati kollha tal-Eurostat u wara ġiet approvata fil-laqgħa tad-Direttorati tal-Eurostat fit-12 ta' April 2011.

Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni *ex-ante* ġew inkorporati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva. It-tagħlimiet mill-esperjenzi tal-imgħoddi li ġew ikkunsidrati fit-twaqqif tal-ESP huma ppreżentati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva, Parti 1.5.3 "Tagħlimiet mill- esperjenzi simili tal-imgħoddi". L-għanijiet tal-ESP huma ppreżentati fil-proposta nfisha.

L-Artikolu 2 tal-proposta jistipula li l-ESP se jkun soġġett għal ippjanar annwali permezz tal-programmi ta' ħidma statistika annwali tal-Kummissjoni b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dawn il-programmi u l-finanzjament korrispondenti tagħhom se jkunu s-suġġett tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistipulaw fid-dettall il-produzzjoni u r-riżultati (għanijiet u indikaturi) li għandhom jintlaħqu waqt il-perjodu ta' referenza. Il-monitoraġġ se jiġi żgurat permezz ta' rapporti regolari dwar il-konsum tar-riżorsi u dwar il-progress magħmul fl-ilħuq tal-għanijiet.

Rigward ir-rapportar huwa maħsub li, b'konformità mar-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea, se jitħejja rapport ta' progress interim u, wara li jkun ġie kkonsultat il-Kumitat għall-ESS, se jiġi sottomess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux iktar tard minn Ġunju tal-2015.

Fl-aħħar tal-perjodu kopert mill-programm. l-ESP se jiġi soġġett għal evalwazzjoni *ex-post*. Il-Kumitat għall-ESS se jiġi kkonsultat dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni, li se jiġi sottomess lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sal-aħħar tal-2018.

2.2 Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1 Riskju/i identifikat(i)

Il-mod ta' ġestjoni tal-programm propost huwa ġestjoni diretta ċentrali mill-Kummissjoni u sa ċertu punt ġestjoni konġunta mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali. Mil-lat finanzjarju, il-programm se jiġi implimentat bl-għoti ta' kuntratti, b'mod partikolari lil impriżi speċjalizzati fis-servizzi statistiċi jew informatiċi, u permezz ta' għotjiet li jiffinanzjaw b'mod prinċipali lill-awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika. Ir-Regolament (KE) Nru. 223/2009 dwar statistika Ewropea jippermetti li jsiru għotjiet diretti lil dawk l-awtoritajiet.

Ir-riskji ewlenin identifikati għall-implimentazzjoni tal-programm jaqgħu prinċipalment fil-**ġestjoni tal-proċeduri tal-għotja.** Kif jidher mill-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-Programm Statistiku Komunitarju tal-2008-2012, xi benefiċjarji ltaqgħu ma' diffikultajiet konsistenti sabiex jissottomettu d-dokumentazzjoni meħtieġa għad-determinazzjoni tal-ispejjeż ta' eliġibbiltà mġarrba.

2.2.2 Metodu(i) ta' kontroll previst(i)

L-elementi ewlenin tas-sistema interna ta' kontroll huma: Verifika *ex-ante* tal-**aspetti operattivi u finanzjarji ta' kull tranżazzjoni finanzjarja** (legalità, regolarità u ġestjoni finanzjarja soda) skont l-Artikolu 47 (3) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju. Il-kontrolli *ex-ante* jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-infiq, mill-ippjanar u l-programmazzjoni għall-impenji u l-ħlasijiet. Għal dan il-għan, għal kull tranżazzjoni finanzjarja kull attur fiċ-ċirkwiti finanzjarji għandu juża kontrolli konformi ma' listi speċifiċi ta' kontrolli.

Mhux biss iċ-ċirkwiti finanzjarji, iżda wkoll sorveljanza xierqa, rapportar ibbażat fuq il-finanzjament u l-prestazzjoni, l-awditjar u l-evalwazzjoni jikkontribwixxu għall-impliementazzjoni tal-baġit tal-programm skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' legalità u regolarità. Il-kumplimentarjetà se tiġi żgurata bejn is-sorsi ta' garanzija msemmija qabel, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u jkun hemm kostefficjenza tal-kontrolli.

Fl-isfond tal-kontrolli komprensivi u obbligatorji applikati għal kull tranżazzjoni finanzjarja li se tiġi awtorizzata taħt il-programm, se jiġu applikati l-azzjonijiet ta' kontroll addizzjonali li ġejjin għall-ġestjoni ta' proċeduri tal-għotja. Minbarra l-kontrolli *ex-ante* deskritti hawn fuq u bbażati fuq analiżi annwali tar-riskji, se titwettaq verifika *ex-ante* u *ex-post* ***imsaħħa***. **Verifiki *ex-ante* msaħħa** se jitwettqu fuq bażi ta' kampjuni, jiġifieri kontrolli profondi ta' dokumentazzjoni addizzjonali ta' appoġġ qabel il-ħlasijiet finali għal azzjonijiet ta għotja kkofinanzjati. Barra dan, u abbażi tal-esperjenza miksuba mill-2005, se jitwettqu **kontrolli *ex-post*** sabiex jiġi vverifikat li l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-baġit jiġu implimentati b'mod korrett u b'mod partikolari li jkun hemm konformità mal-kriterji stabbiliti għal verifika *ex-ante*. Se ssir enfażi partikolari fuq it-tnaqqis tal-kumplessità amministrattiva u għalhekk tal-probabbiltà ta' żbalji konnessi mal-ġestjoni ta' għotjiet. Dan se jintlaħaq b'mod partikolari b'iffukar fuq proġetti ikbar (u l-limitu ta' għotjiet żgħar), ir-rekwiżiti ta' ċertifikati speċifiċi ta' verifika, u l-aħħar iżda mhux l-inqas bl-introduzzjoni ta' opzjonijiet alternattivi għall-ħlasijiet ibbażati fuq spejjeż attwali, jiġifieri għotjiet ibbażati fuq rati fissi u skali ta' kostijiet ta' unitajiet.

Spejjeż u benefiċċji tal-kontrolli: Huwa meqjus li l-istrateġija tal-kontroll tal-programm tillimita r-riskju ta' nonkonformità għal taħt it-2 %, li huwa konformi mal-evalwazzjoni mwettqa taħt ir-Rapport ta' Attività Annwali tal-2010. Billi l-għan tal-kontroll intern għall-programm il-ġdid huwa li ma tinqabiżx rata medja ta' żball residwu ta' 2 % għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu mill-2013-2017, is-sistema ta' kontroll intern kif ukoll l-ispejjeż tagħha huma kkunsidrati adegwati għall-ilħuq ta' dan l-għan. Id-DĠ ESTAT jikkunsidra li l-ispejjeż tal-kontrolli addizzjonali *ex-ante* u *ex-post* imsaħħa msemmija hawn fuq għandhom jibqgħu madwar 1 % tal-baġit tal-programm, madwar l-istess proporzjon bħal fil-programm ta' qabel. F'termini ta' natura u intensità tal-kontrolli, 100 % tat-tranżazzjonijiet finanzjarji (u għalhekk 100 % tal-baġit) se jkunu soġġetti għal kontrolli *ex-ante* obbligatorji skont ir-Regolament Finanzjarju. Kif deskritt fil-qosor hawn fuq, se jsiru kontrolli bbażati fuq analiżi profonda tad-dokumentazzjoni sottostanti wara analiżi tar-riskji annwali. Huma jistgħu jkopru 4-6 % tal-baġit.

2.3 Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti u maħsuba.

Minbarra l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi regolatorji kollha, se titfassal strateġija kontra l-frodi b'konformità mal-istrateġija kontra l-frodi l-ġdida tal-Kummissjoni (CAFS) adottata fl-24 ta' Ġunju 2011 sabiex jiġi żgurat *inter alia* li l-kontrolli interni relatati ma' azzjonijiet kontra l-frodi jkunu konformi fis-sħiħ mal-CAFS u li l-approċċ tar-riskju ta' ġestjoni tal-frodi jkun immirat għall-identifikazzjoni ta' oqsma ta' riskju ta' frodi u tweġibiet adegwati. Fejn ikun meħtieġ, se jitwaqqfu gruppi ta' netwerking u għodod adegwati tal-IT dedikati għall-analiżi ta' każijiet ta' frodi relatati mal-Programm Statistiku Ewropew.

L-Eurostat iddefiniet strateġija ta' kontroll tal-2013-2017 li takkumpanja l-implimentazzjoni tal-ESP. It-tnaqqis tal-kumplessità, l-appilkazzjoni ta' proċeduri ta' monitoraġġ kosteffettivi kif ukoll it-tmexxija ta' kontrolli *ex-ante* u *ex-post* ibbażati fuq ir-riskji se jkollhom l-għan li jnaqqsu l-probabbiltà u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' frodi. Miżuri speċifiċi għaż-żieda tal-għarfien u t-taħriġ rilevanti rigward il-prevenzjoni tal-frodi huma parti mill-istrateġija tal-kontroll.

3 L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1 Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u intestatura/i baġitarja/i tal-infiq affettwata/i

- Intestaturi baġitarji ta' nfiq eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestaturi baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni………………………..……….]	Div./non-div. (16)	Mill-pajjiżi tal-EFTA[17]	Mill-pajjiżi kandadati[18]	Minn pajjiżi terzi	Skont it-tifsira ral-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]	Div/non-div.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestaturi baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura……………………………………..]	Div./non-div.	Minn pajjiżi tal-EFTA	Mill-pajjiżi kandidati	Minn pajjiżi terzi	Skont it-tifsira ral-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1	29.0201 Il-Programm Statistiku Ewropew 2013-2017	Div	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
1	29.0104 Politika tal-Informazzjoni dwar l-Istatistika — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva	Non-div	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

16 Div. = Approprjazzjonijiet Divrenzjati / Non-div. = Approprjazzjonijiet mhux divrenzjati
17 EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
18 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2 Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1 Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqaummary of estimated impact on expenditure

EUR miljuni (sa3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	Numru	Intestatura 1 – Tkabbir intelliġenti u inklussiv (mill-2014)

DĠ: ESTAT			Sena **2014**[19]	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	**Sena 2018** u wara	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operattivi								
29.0201	Impenji	(1)	53.391	54.922	56.443	57.960		**222.716**
	Pagamenti	(2)	32.360	33.613	46.450	52.843	92.839	[20]**258.105**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi[21]								
29.0104		(3)	2.900	2.983	3.065	3.148		**12.096**
Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ ESTAT	Impenji	=1+1a +3	56.291	57.905	59.508	61.108		**234.812**
	Pagamenti	=2+2a +3	35.260	36.596	49.515	55.991	92.839	**270.201**

• Approprjazzjonijiet operattivi TOTALI	Impenji	(4)	53.391	54.922	56.443	57.960				**222.716**

[19] Sena N hija s-sena li matulha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[20] L-approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet jikkunsidraw obbligi li jirriżultaw mill-bidu tal-Programm Ewropew tal-Istatistika fl-2013

[21] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (ex linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

	Pagamenti	(5)	32.360	33.613	46.450	52.843	92.839			**258.105**
• Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	2.900	2.983	3.065	3.148				**12.096**
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTAtURA 1 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+ 6	56.291	57.905	59.508	61.108				**234.812**
	Pagamenti	=5+ 6	35.260	36.596	49.515	55.991	92.839			**270.201**

Intestatura ta' qafas finanzjarju multiannwali:	5	" Nefqa amministrattiva "

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

		Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	Sena 2018 u wara			**TOTAL**
DĠ: ESTAT									
• Riżorsi umani		92.335	91.479	90.615	89.829				**364.258**
• Nefqa amministrattiva oħra									**13.948**
TOTAL DĠ ESTAT	Approprjazzjonijiet	95.822	94.966	94.102	93.316				**378.206**

Approprjazzjonijiet TOTALI tal-Intestatura 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	95.822	94.966	94.102	93.316				**378.206**

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

		Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	**Sena 2018 u wara 1.6)**			**TOTAL**
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	152.113	152.871	153.610	154.424				**613.018**
	Pagamenti	131.082	131.562	143.617	149.307	92.839			**648.407**

3.2.2 Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

– Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	**TOTAL**
RIŻULTATI					

Indika l-għanijiet u l-riżultati	Tip ta’ riżultat[22]	Spiża medja tal-riżultat	Għadd ta’ riżultati	Spiża	Għadd ta’ riżultati	Spiża	Għadd ta’ riżultati	Spiża	Għadd ta’ riżultati	Spiża	Għadd ta’ riżultati	Spiża	Għadd totali ta’ riżultati	Spiża totali
Għanijiet speċifiċi Nru 1 u 4[23] Tiġi pprovduta informazzjoni statistika ta’ kwalità sabiex jiġu appoġġjati l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni														
- Riżultat	Proġetti statistiċi	0.304			85	23.694	67	21.480	62	21.204	58	22.129	272	88.507
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1					85	23.694	67	21.480	62	21.204	58	22.129	272	88.507
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 Implimentazzjoni tal-metodu ta’ produzzjoni ġdid tal-istatistika Ewropea														
- Riżultat	Proġetti statistiċi	0.298			84	23.694	100	30.102	94	31.555	87	32.194	365	117.545
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2					84	23.694	100	30.102	94	31.555	87	32.194	365	117.545
Għan speċifiku Nru 3 Tisħiħ tas-sħubija fl-ESS u lil hinn														

22 Outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż. l-għadd ta’ skambji ffinanzjati ta’ studenti, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija).

23 Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. ‘Għan (għanijiet speċifiku (speċifiċi) …’.

- Riżultat	Proġetti statistiċi	0.306	19	6.003	9	3.340	8	3.684	7	3.637	43	16.664
Sub-total għall-għan speċifiku Nru 3			19	6.003	9	3.340	8	3.684	7	3.637	43	16.664
SPIŻA TOTALI			188	53.391	176	54.922	164	56.443	152	57.960	680	222.716

3.2.3 Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1 Sommarju

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi
- X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	Sena **2018 u wara**	**TOTAL**
Intestatura 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali						
Riżorsi umani	92.335	91.479	90.615	89.829		**364.258**
Nefqa amministrattiva oħra						**13.948**
Subtotal Intestatura 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	95.822	94.966	94.102	93.316		**378.206**
Barra l-Intestatura 5[24] **tal-qafas finanzjarju multiannwali**						
Riżorsi umani	2.285	2.285	2.285	2.285		**9.140**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (IT; laqgħat; studji; missjonijiet; abbonamenti)	0.615	0.698	0.780	0.863		**2.956**
Subtotal barra l-Intestatura 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(1	(2	(3	(4		**(5**
TOTAL	**98.722**	**97.949**	**97.167**	**96.464**		**390.302**

24 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (ex linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2 Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew mhux aktar minn punt deċimali wieħed)

		Sena **2014**	Sena**2015**	Sena**2016**	Sena**2017**			
• Karigi tal-Pjan ta' Stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
29 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-rappreżentanza tal-Kummissjoni)		651	645	639	633			
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)		-	-	-	-			
XX 01 05 01 (Riċerka Indiretta)		-	-	-	-			
10 01 05 01 (Riċerka Diretta)		-	-	-	-			
• Persunal estern (f'Unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)[25]								
29 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")		94	93	92	92			
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)		-	-	-	-			
XX 01 04 ***yy*** [26]	- fil-Kwartieri Ġenerali[27]							
	- fid-delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka Indiretta)								
10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka Diretta)								
Linji baġitarji oħra (29 01 04 01)		41	41	40	40			
TOTAL		**789**	**779**	**771**	**765**			

29 huwa l-qasam politiku jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu minn persunal mid-DĠ li jkun diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikun skjerat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata għad-DĠ li jkun qed imexxi taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Il-kompiti li għandhom jitwettqu min-naħa waħda jikkonċernaw prinċipalment ix-xogħol metodoloġiku u min-naħa l-oħra l-ġbir, il-validazzjoni, l-ipproċessar u t-tixrid tal-informazzjoni statistika relatata mal-isferi stabbiliti fl-annessi għar-Regolament propost. Huma jirreferu wkoll għaż-żewġ attivitajiet orizzontali ABB tal-Eurostat ("Appoġġ amministrattiv għall-Eurostat" u "Strateġija u koordinazzjoni ta' politika tal-Eurostat")
Persunal estern	Jappoġġja lill-uffiċjali u l-aġenti temporanji fit-twettiq tal-kompiti msemmija hawn fuq

25 CA= Aġent kuntrattwali; INT= personal (*'Intérimaire')* mill-aġenzija; JED= *'Jeune Expert en Délégation'* (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Ssekondat; .

26 Taħt il-limitu massimu għal personal estern mill-approprjazzjonijiet operattivi (ex linji 'BA').

27 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

3.2.4 Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

– X Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali għall-2014-2020.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinkludi riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega x'tip ta' riprogrammar huwa meħtieġ, u speċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[28].

Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5 *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– X Il-proposta/inizjattiva tipprevedi għal kofinanzjament kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**				Total
Kontribuzzjoni tal-Isvizzera	4.851	4.948	5.047	5.147				**19.933**
Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati	4.851	4.948	5.047	5.147				**19.933**

28 Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3 Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-Proposta/inizjattiva ma għandha ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-Proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżirsi proporji

– ☐ fuq dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja li għaddejja	Impatt tal-proposta/inizjattiva[29]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	… inkludi kemm hemm bżonn kolonni sabiex tirrifletti t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għal dħul assenjat mixxellanaju, speċifika l-linja(i) baġitarja tan-nefqa affettwata..

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[29] Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, levies taz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.